MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 910/2001/1

**Charles Gauci**

**vs**

**Emanuel Abela u Lantana Company Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-30 ta' Ottubru, 2001 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tnejn u hasmin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,052.50) rapprezentanti bilanc minn somma akbar (Dok. A) ghal xoghol ta' katusi ta' l-ilma u d-drenagg li l-attur ghamel fuq struzzjonijiet tal-konvenuti gewwa St. Paul's Court, Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru, 2001 u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, tigi eccepita l-impestivita’ ta’ din l-azzjoni stante li x-xoghol kommissjonat lill-attur ghadu mhux kompletat u allura l-hlas mhux dovut;
2. Illi wkoll in linea preliminari, Emanuel Abela proprio ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa dejjem agixxa ghan-nom ta’ kumpanija, u l-attur kien jaf b’dan.
3. Illi fl-istadju inizzjali tal-kawza l-attur ghandu jiddikjara jekk huwiex ser jikkompleta l-appalt lilu mghoddi mis-socjeta’ konvenuta, u accettat minnu.
4. Illi bla pregudizzju ghal dawn, parti mix-xoghol kompletat, cioe’ fix-shafts, ma sarx skond l-arti u s-sengha;
5. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturstante li x-xoghol li sar s’issa, l-ammont mitlub mill-attur huwa oghola minn dak li jkun gustament dovut lilu skond il-ftehim ta’ l-appalt.
6. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu premess, il-konvenuti m’ghandhom qatt ibghatu l-ispejjez ta’ din il-procedura jew l-interessi stante li hu premess fl-ewweleccezzjoni, oltre li sa minn qabel inbdew dawn il-proceduri l-konveut nomine kien offra bla pregudizzju hlas ekwivalenti ghax-xoghol kompletat, u l-attur irrifjutahom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tad-9 ta’ Lulju, 2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-20 ta’ Ottubru, 2003 fejn annullat l-ewwel sentenza ghax mhux konformi ma’ l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti biex tigi deciza mill-gdid.

Rat id-digriet taghha ta’ l-10 ta’ Mejju, 2004 fejn innominat lil AIC Simon Saliba bhala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni pprezentata fit-3 ta' Awissu, 2004 u mahlufa fil-25 ta' April, 2005.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa dejjem agixxa ghan-nom ta' kumpanija u li l-attur kien jaf b'dan.

Illi l-unika prova illi hemm fl-atti dwar l-ezistenza tal-kumpanija hija x-xhieda tal-konvenut a fol. 23 fejn qal illi huwa *sole director* ta' Lantana Company Limited li xtrat l-arja ta' St. Paul's Court flimkien ma' *reserved area* u xtraw ukoll l-applikazzjoni ghall-*maintenance*. Il-bqija jidher li l-konvenut dahal f'negozjati diretti ma' l-attur ghax-xoghol illi kellu jigi esegwit fil-fond imsemmi St. Paul's Court.

L-attur jidher illi kellu xi hjiel illi setghet kienet involuta s-socjeta' Lantana Company Limited, peress illi l-kontijiet kollha harighom jew f'isem il-konvenut u taht ismu, Lantana Company Limited.

Ghalhekk, jidher illi giet ikkrejata f'mohh l-attur certa konfuzjoni min seta' kien il-beneficjarju tax-xoghol tieghu. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-Qorti ma taghtihx tort illi uza z-zewg termini fl-istess hin biex jindirizza kemm lill-konvenut kif ukoll lill-kumpanija.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice</u> deciza mill-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999 inghad illi, "Saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi ma huwiex il-legittimu kontradittur, kif gie osservat 'certi kazijiet huma ovvji ohrajn mhux daqstant ovvji'. Fejn hemm dubji pero' wiehed kellu jippresumi li l-persuna li qeda tikkuntratta kien hekk qeda taghmel f'isimha proprio." (Ara wkoll

Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit Appell Nferjuri deciza fis-16 ta' Dicembru, 2002)

Il-Qorti jidhrilha li fl-isfond tar-rizultanzi processwali hemm dubju dwar min kien qed jaghmel l-ordnijiet, jekk hux il-konvenut personalment jew inkella l-kumpanija. Ghalhekk, il-Qorti jidjhrilha illi f'dan il-kaz id-dubju ghandu jmur favur li l-persuna tkun qeda tikkuntratta f'isimha proprja. Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni ghandha tigi respinta u l-kawza tissokta kontra Emanuel Abela personalment.

Ghal dak illi jirigwarda l-meritu, jidher li l-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda t-tifsira tat-terminologija wzata ghat-tqeghid tal-katusi. Jekk it-terminologija 'pied jimxi' jinkludix ukoll il-prezz tal-'gulley/gullies' jew le. Kien ghalhekk li l-Qorti nnominat lil Perit Simon Saliba sabiex jevalwa s-sitwazzjoni u jaghti nterpretazzjoni teknika u professjonali ghal dak illi ftehmu l-partijiet.

Il-perit spjega illi fit-tqeghid tal-katusi jista' jigi wzat zewg tipi ta' arrangamenti. Il-hlas jista' jsir jew kull 'pied jimxi' jew inkella jigi identifikat il-kejl u l-materjal jigi mhallas skond ma jkun uzat. F'dan il-kaz, il-perit wasal ghall-konkluzjoni illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet huwa dak 'bil-pied jimxi', f'liema kaz ikkalkulah fl-ammont ta' zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50). Dan il-prezz jinkludi l-prezz u t-tqeghid tal-*gullies*. Fil-konkluzjoni tieghu jghid testwalemnt, "Il-prezz ta' Lm2.50 kull pied jinkludi kull ma hu necessarju biex tiffunzjona s-sistema. Il-metodu tal-kejl illi ghandu jigi wzat hu dak tal-'pied jimxi' u jitkejjlu biss il-katuzi vertikali. Ghalhekk ghandha tigi eliminata d-differenza fil-kunteggi pprezentati mill-partijiet billi jitnaqqas il-kejl tal-*gullies*."

Kien hemm ukoll il-kwistjoni tat-tikhil u t-tibjid tax-*shafs*, li gew ikkalkulati fl-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200). Pero' l-perit ma setax jasal ghall-konkluzjoni dwar il-kwalita tax-xoghol maghmul mill-attur peress it-tikhil u t-tibjid kellu jsir mill-gdid u ma setax jispezzjona x-xoghol illi ghamel l-attur. Ghalhekk, meta kkonsidra l-konteggi kollha wasal ghall-konkluzjoni li l-ammont dovut lill-attur

huwa ta’ elf, hames mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm1,567).

Minhabba r-raguni teknika ta’ din il-kawza, l-Qorti ma jidhirlhiex illi ghandha tiddisturba l-konkluzjoni tal-perit minnha nnominat u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet u r-ragunijiet moghtija.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut personalment illi jhallas is-somma ta’ elf, hames mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm1,567) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ghal xoghol ta’ katusi ta’ l-ilma u tad-drenagg illi l-attur ghamel fuq istruzzjonijiet tal-konvenut gewwa St. Paul’s Court, Triq il-Pijunjieri, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------